# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Dicembru, 2001

**Numru 4**

**Rikors Numru 3/00 JC**

**Joseph Zammit**

**vs**

**Carmelo Dingli**

**Il-Qorti;**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Il-Bord li Jirregola l-Kera fit-23 ta' Mejju, 2001 ippronunzja s-segwenti sentenza:-

> "Il-Bord,
>
> Rat c-citazzjoni fejn l-attur qal:-
>
> Illi b'sentenza tal-Bord tal-Kera tal-21 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Dingli vs Joseph Zammit" (Rikors numru 60B/97) giet milqugha t-talba tal-konvenut odjern Carmelo Dingli sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond 38, Triq Bishop Scicluna, Qormi mikri

lill-attur odjern u ghal-fini ta' zgumbrament gie prefiss t-terminu ta' xahar mill-istess data;

Illi din is-sentenza giet konfermata minn sentenza tal-Qorti tal-appell tal-24 ta' Marzu 2000 u ghall-fini ta' zgumbrament gie wkoll prefiss it-terminu ta' xahar mid-data tas-sentenza;

Illi kontestwalment ma' din ic-citazzjoni l-attur prezenta citazzjoni fl-ismijiet "Josep Zammit vs Carmelo Dingli et" fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li x-xhieda ta' Raymond Azzopardi moghtija quddiem il-Bord tal-Kera fis-seduta tat-18 ta' Novembru 1998 hija falza;

Li l-attur ghalhekk jkollu lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Carmelo Dingli vs Joseph Zammit: (Rikors numru 60B/97) deciza mill-Bord tal-Kera fil-21 ta' Ottubru 1999 u konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-24 ta' Marzu 2000 u dan ai termini tal-Artikolu 811 (j) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jekk issir l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord tal-Kera tal-21 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet Carmelo Dingli vs Joseph Zammit (Rikors numru 60B/97) hekk kif konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-24 ta' Marzu 2000, l-attur Joseph Zammit isofri pregudizzju akbar mill-konvenut u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 823 (l) b tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kellha ssir din il-kawza;

Illi qed tinghata garanzija sufficjenti (Dok. A) ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk din ma tigix imhassra;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tordna s-sospensjoni tas-sentenza moghtija mill-Bord tal-Kera fil-21 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet Carmelo Dingli vs Joseph Zammit (Rikors numru 60B/97) hekk kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tal-24 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra d-<u>dikjarazzjoni</u> mahlufa ta' l-attur, u l-lista tax-xhieda.

Ra n-<u>nota tal-eccezzjonijiet</u> tal-konvenut li eccepixxa li:

1) In-nullita' tac-citazzjoni, billi l-ligi tesigi (Art 823 (2) tal-Procedura) illi l-procedura ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ghandha ssir fil-Qorti fejn tintalab ir-

ritrattazzjoni. Billi sa fejn jista' jivverifika l-eccipjent, ebda ritrattazzjoni ma intalbet f'dan il-Bord, isegwi illi t-talba li ghaliha qed issir din l-eccezzjoni ma setghatx issir, stante li din it-talba hi biss konsegwenzjali u ssegwi t-talba ghar-ritrattazzjoni.

2) In-nullita' tac-citazzjoni, stante illi saret fil-forma ta' citazzjoni. Dak li tghid il-ligi hu t-talba ghas-sospensjoni ssir b'rikors meta r-ritrattazzjoni tkun qed issir fil-Qorti ta' l-appell, u b'citazzjoni meta t-talba tkun qed issir fil-Qorti ta' Prim'Istanza. Issa l-legislatur ma seghtax kellu f'mohhu l-Bord li Jirregola l-Kera bhala l-Qorti ta' Prim'istanza. Issa l-legislatur ma setghax kellu f'mohhu l-Bord li Jirregola l-Kera bhala l-Qorti ta' Prim'Istanza, billi fil-Kap 69 il-procedura hi dejjem b'rikors (Ara l-Artikoli 7,14,24,25,26,28,29,30 u partikolarment 33 u 34), u ghalhekk il-procedura korretta hi dik ta' rikors.

3) Fil-meritu, illi din ic-citazzjoni hi vessatorja, u b'konsegwenza taghha l-eccipjent, ragel mghobbi biz-zmien u marid, ser jigi privat milli jgawdi l-effetti tas-sentenza moghtija favurih minn dan il-bord u konfermata fl-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abili difensur tal-konvenut.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abili difensur ta' l-attur u s-sentenza maghha esebita.

Ra l-verbal tal-15 ta' Frar 2001.

Ra s-sentenza tieghu fl-ismijiet inversi moghtija fil-21 ta' Ottubru 1999 u dik ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-24 ta' Marzu, 2000 li kkonfermatha.

Ikkunsidra:

1) L-attur qed jitlob s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija u intavola kawzi quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili biex jigi ddikjarat li

xhieda moghtija quddiem dan il-Bord fit-18 ta' Novembru 1998 hija "falza u invertiera".

2) L-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-art 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(1) It-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-appell u b'citazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, tal-parti li taghmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza … …

3) F'dan il-kaz il-Bord qed jigi mitlub li jordna s-sospensjoni ta' sentenza moghtija minnu u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

4) Ghalkemm huwa l-Bord, skond l-art. 265 tal-Kap 12, li ghandu jaghmel l-esekuzzjoni ta' sentenza f'kaz li l-Qorti ta' appell twettaq sentenza moghtija minnu, l-att esekuttiv ta' zgumbament jemana minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-appell u hija din is-sentenza li taghha eventwalment ser tintalab ir-ritrattazzjoni ai termini tal-art. 811 (j) tal-Kap. 12. Ghalhekk f'dan il-kaz it-talba ghas-sospensjoni missha saret quddiem il-Qorti ta' l-Appell u mhux quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

5) Kaz fejn qamet din il-kwistjoni kien "Rizzo vs Bezzina et" deciz fl-10 ta' Jannar 1995 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili)

"… … skond l-artikolu 265 Kap 12, ghalkemm huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li hareg il-mandat ta' zgumbrament, dan l-att esekuttiv jemana minn sentenza ta' din il-Qorti (Qorti ta' l-Appell), u hija din il-kawza in appell, li l-attur qed jitlob li tigi ritratta".

6) La wasal ghal din il-konkluzjoni l-Bord ma jidhirlux li ghandu jidhol fi kwistjonijiet ohra.

> Ghalhekk il-Bord jiddikjara l-procedura irrita u nulla u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez jithallsu mill-attur."

**Aggravju**

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza bis-segwenti aggravju:-

1. Hu ppremetta illi kien ipprezenta kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontra l-intimat li fiha talab lil dik il-Qorti biex tiddikjara li x-xhieda moghtija minn Raymond Azzopardi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 1998 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Dingli vs Joseph Zammit" (Rikors numru 60B/97) kienet falza u inveritiera. Din ic-citazzjoni saret in anticipazzjoni ta' procedura li l-istess rikorrent kien bi hsiebu jintavola ghal smiegh mill-gdid tal-kawza quddiem il-Bord a bazi ta' l-artikolu 811 (j) tal-Kap 12 li jipprovdi ghal ritrattazzjoni meta s-sentenza tkun giet deciza fuq <u>provi "li b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz</u>".

2. Il-Bord li Jirregola l-Kera bbaza d-decizjoni tieghu fuq il-fatt li l-proceduri odjerni ma kienx messhom gew intavolati quddiemu izda quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Dana peress li kienet qed tigi attakkatta s-sentenza moghtija minn dik il-Qorti.

3. L-appellant jissottometti pero' illi hu qieghed jippretendi li kienu foloz provi li tressqu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Kien permezz ta' dawn il-provi li fil-21 ta' Ottubru, 1999 il-Bord iddecieda l-kawza billi

ordna l-izgumbrament tieghu mill-fond lilu lokat. Il-ligi tesigi li l-proceduri ta' ritrattazzjoni kellhom isiru quddiem dik il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata. Una volta r-rikorrent kien qed jattakka s-sentenza moghtija mill-Bord fil-21 ta' Ottubru, 1999, il-proceduri tal-lum kellhom necessarjament jigu intavolati quddiem il-Bord.

Finalment l-appellant ressaq aggravju iehor fis-sens illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu f'din il-kawza, l-appellat ma ssollevvax l-eccezzjoni li l-proceduri kellhom jigu intavolati quddiem il-Qorti ta' l-Appell u konsegwentement il-Bord li Jirregola l-Kera iddecieda fuq eccezzjoni li qatt ma giet sollevata. Dana meta l-Bord ma kellux jissolleva eccezzjonijiet minn jeddu li qatt ma sar accenn ghalihom mill-appellat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti tikkonsidra s-segwenti fir-rigward ta' l-aggravju sollevat:-

1. F'Materja ta' liema "foro" kien kompetenti biex jikkonsidra l-mertu ta' kawza skond il-provvedimenti tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili kienet sollevabbli ex officio mill-gudikant in kwantu li kienet tinvolvi kwistjoni ta' ordni pubbliku li timpingi fuq l-ordinament guridiku. Ghalkemm hu minnu illi l-gudikant ma kellux u ma setghax bhala regola jissolleva hu stess motu proprio eccezzjonijiet li l-parti ma tkunx qanqlet, dan il-principju ma jestendix ghal eccezzjonijiet ta' din ix-xorta.

2. Saret riferenza ghall-artikolu 42 tal-Kap 69 li jipprovdi ghal dritt ta' ritrattazzjoni fejn ikun jidher illi xi wahda mill-partijiet ikun ottjena decizjoni favorevoli mill-Bord bhala konsegwenza ta' xi dikjarazzjoni falza maghmula minn xi parti. Fil-fatt f'dak il-kaz ikun lecitu ghall-parti l-ohra li japplika lill-Bord ghal smiegh mill-gdid apparti d-dritt tieghu li jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti ghal risarciment tad-danni u hlas ta' penali. Dan l-artikolu pero' ma ghandu l-ebda rilevaza fil-kaz taht ezami ghaliex kien japplika biss fejn is-sentenza favorevoli tkun ittiehdet bhala konsegwenza ta' dikjarazzjoni falza maghmula mill-parti. Fil-kaz taht ezami d-dikjarazzjoni falza kienet maghmula minn xhud li xehed quddiem il-Bord u konsegwentement kienet korretta l-posizzjoni ta' l-appellanti illi s-smiegh mill-gdid ta' kawza deciza mill-Bord fic-cirkostanzi taht ezami, seta' biss jigi invokat fit-termini tas-subinciz (j) ta' l-artikolu 811 tal-Kap 12 kif minnu propost fic-citazzjoni taht ezami.

3. Lanqas ma hija pertinenti r-riferenza li saret fis-sentenza appellata ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, fil-kawza "Albert Rizzo -vs- Agnes mart Paul Bezzina" deciza fl-10 ta' Jannar, 1995. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell ikkonsidrat eccezzjoni fis-sens li "t-talba ghas-sospensjoni tal-mandat ta' zgumbrament kienet qed issir lill-Bord li Jirregola l-Kera u mhux lill-istess Qorti ta' l-Appell u dan ukoll kien igib in-nullita' tac-citazzjoni. F'dak il-kaz pero', ic-citazzjoni ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza kienet qeghda ssir fit-termini ta' l-artikolu 823 tal-Kap 12 li

jipprovdi illi "(2) …….. il-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista' ad istanza b'citazzjoni tal-parti li taghmel dik it-talba tordna t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza jekk ………… omissis". F'dak il-kaz allura, kienet qed tintalab is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenzi bhala parti mill-process tas-smiegh tal-kawza mill-gdid innifsu u mhux kif inhu l-kaz taht ezami fi proceduri li kienu pre-ordinati ghall-eventwali ritrattazzjoni jekk jigi b'success deciz bil-proceduri fil-prezenti istanza li s-sentenza eventwalment ritrattanda kienet giet ottenuta fuq il-bazi tal-provi dikjarati foloz.

Diversament minn dik li kienet il-posizzjoni fil-kawza "Rizzo vs Bezzina" appena citata, dak li kien qed jipprova jaghmel fil-prezenti procedura l-attur appellant, kien li jwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord tal-Kera tal-21 ta' Ottubru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet inversi, fil-kors normali taghha u mhux f'dan l-istadju bhala parti mill-process ta' ritrattazzjoni. Kien allura fl-istadju previst fis-subinciz (1) ta' l-artikolu 265 fejn jinghad illi "f'kaz ta' appell, jekk is-sentenza moghtija mill-Qorti fil-grad ta' appell twettaq dik moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad, l-esekuzzjoni tas-sentenza ssir mill-Qorti ta' l-ewwel grad". Fil-kaz taht ezami ma hemmx kwistjoni illi s-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Marzu, 2000 twettaq sentenza tal-Bord tal-21 ta' Ottubru, 1999 kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward ta' l-ispejjez. Hu wkoll rilevanti s-subinciz (2) ta' l-artikolu 265 li jipprovdi illi fil-kaz ta' sentenzi moghtija mill-Qrati Inferjuri

u li minnhom ikun sar appell ghall-Qorti ta' l-Appell, l-esekuzzjoni tas-sentenza issir dejjem mill-Qorti ta' l-ewwel grad ukoll meta l-Qorti ta' l-Appell thassar is-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Dan is-subartikolu japplika wkoll ghall-Bord li Jirregola l-Kera. Dana anke bl-applikazzjoni tramite ezercizzju interpellattiv tas-subinciz (12) ta' l-artikolu 266 li jipprovdi ghall-ezekuzzjoni provizorja ta' sentenzi b'ordni tal-Qorti li jiddikjara illi f'dak l-artikolu "il-frazi "Qorti ta' l-ewwel grad" ghandha tinftiehem bhallikieku tinkludi riferenza ghall-Bord li Jirregola l-Kera".

Una volta ma kenitx ghadha saret f'dan il-kaz talba ghar-ritrattazzjoni, proprju ghax din ma kenitx ghadha proponibbli billi ma kenitx ghadha accessibbli d-dikjarazzjoni li s-sentenza ritrattanda kienet giet ottenuta bi provi foloz, ma kienx applikabbli ghall-kaz l-artikolu 823 tal-Kap 12. It-talba allura ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza fil-prezenti istanza kienet qed issir fil-kors ordinarju ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza li sallum kienet ghadha ma hijiex impunjata u lanqas kien hemm talba pendenti biex din tigi impunjata. In kwantu allura kienet talba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza fil-kors normali tal-process li kellu sallum jigi ritenut validu, u mhux kontestat, tali talba kellha ssir quddiem dak it-Tribunal illi kien vestit bil-kompetenza li jesegwixxi s-sentenza. F'dan il-kaz quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li emana s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet inversi, liema sentenza giet pjenament konfermata in sede Appell.

Din il-Qorti waslet allura ghall-konvinciment illi t-talba kif kontenuta fl-att tac-citazzjoni u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, saret quddiem it-Tribunal kompetenti u l-appell kien gustifikat.  Naturalment jibqghu impregudikati kull eccezzjonijiet ohra li setghu ikunu kompetenti lill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata.  L-atti qed jigu rimessi lill-Bord li Jirregola l-Kera ghall-kontinwazzjoni.  Spejjez ta' dan l-appell a karigu tal-konvenut appellat.

Dep/Reg

cb